MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) DISTRETT - RABAT (GHAWDEX)

## MAGISTRAT DR. GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2002

Numru. 204/96
Kawza Numru. 13

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Rita Mifsud ta' 68 sena mart il-mejjet John, bint il-mejjet Francis Sultana u Carmla nee` Sultana**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 68827 G)**
**u**
**Raymond Mifsud ta' 35 sena bin il-mejjet John u Rita nee` Sultana**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 51660 G)**
**u**
**Mary Anne Mifsud ta' 40 sena bint il-mejjet John u Rita nee` Sultana**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 19656 G)**
**u**
**Carmen Portelli ta' 45 sena mart il-mejjet George bint il-mejjet John Mifsud u Rita nee` Sultana**

**(Karta ta' l-Identita` Nru 93950 G)**
**li lkoll joqghodu Nru 44, Triq Gorf, Xaghra, Ghawdex.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati akkuzati talli fil-5 ta' Gunju 1996 ghall-habta tas-5:45p.m. fi Triq Gorf, Xaghra, (1) volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied (2) sawwtu lil Joseph Buttigieg, Carmen Buttigieg u Alan Buttigieg, (3) ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joseph Buttigieg u Alan Buttigieg kif iccertifika t-Tabib Dr John Xuereb Dingli M.D. (4) ikkagunaw hsara fin-nuccalijiet ta' Carmen Mifsud u Alan Buttigieg liema hsara tammonta ghal-disgha u tletin liri Maltin (Lm39) u hamsa u tletin liri Maltin (Lm35) rispettivament.

Il-Qorti hija gentilment mitluba tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Semghet il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi din il-kawza instemghet flimkien ma' kawza ohra fl-ismijiet "Il-Pulizija –vs- Joseph Buttigieg et" u li z-zewg kawzi kienu finalment konkluzi qua gbir ta' provi u sottomissjonijiet wara sitt snin u dan minhabba l-mod stakkat li bih tressqu l-provi kawza tal-konflitti kontinwi bejn dawn iz-zewg familji.

Ikkunsidrat illi din il-Qorti semghet diversi xhieda u rat diversi dokumenti minnhom prezentati u tikkonkludi illi f'dan il-process hemm verzjonijiet li bla ebda ezitazzjoni din il-Qorti ikollha tikkonkludi li jinkludu fosthom gideb sfaccat, fosthom allegazzjonijiet ta' daqqiet ta' sikkina meta t-tobba inkarigati minn min qed jallega hekk jichad kwalsiasi kompatibilita` ma' daqqiet ta' sikkina, allegazzjonijiet ta' persuna tifga lill-ohra meta ma nstabu ebda marki in sosten ta' dan u oltre r-rakkonti ta' kif sehh dan l-incident. Izda l-kobba nhallet malli xehdet l-ahhar

xhud u cioe` Rita Mifsud, l-imputata li kienet assenti ghal perjodu twil ta' dawn il-proceduri bil-fakolta` li l-istess proceduri jinstemghu fl-assenza taghha kif awtorizzat mid-difensur legali ta’ l-istess Rita Mifsud;

Ikkunsidrat illi fid-data u l-hin ta’ l-incident Joseph Buttigieg kien qed jghabbi xi gebel tal-bini fi trakk ta’ wiehed imqabbad minnu. Buttigieg kellu xi kwistjoni dwar bini ma’ l-imputati u malli ratu Rita Mifsud li assumiet li kien sejjer fil-post fejn hemm xi kwistjoni dwaru, marret avvertiet lill-familjari taghha u Buttigieg ikkummenta li din kienet qed taqlaghlu hafna nkwiet. Malli wasal fuq il-post dan sab karozza ta’ bint l-imputata Rita Mifsud ipparkjata b’mod sporgut ‘il barra u kellu jitla’ fuq il-bankina biex jghaddi meta tfacca fuq ix-xena Raymond Mifsud li beda jiehu xi ritratti, nqala’ l-glied, kien allegat li l-kamera tar-ritratti ta’ Mifsud tkissret u konsegwentement kellu ohra lesta ghal li jista’ jinqala’ fil-kaxxa ta’ l-ittri. Hemm inqala’ pandemonju shih u wara l-inezattezzi da parti tal-familja Mifsud, din il-Qorti mhix disposta li temmen il-verzjoni taghhom u temmen lil Buttigieg. Alan Buttigieg qal li ra lil Raymond Mifsud fuq missieru, mar biex jghinu izda ma setax jghaddi minhabba t-trakk, tela’ fuq il-vettura ta’ Antida Bigeni u qabez fuq Mifsud biex jillibera lil missieru. Alan Buttigieg imbaghad safa aggredit. Mifsud ra lil Rita Mifsud ma’ l-art u ordnalha ma tqumx qabel tigi l-ambulanza – r-raguni jafha biss hu. L-isptar esiga li jittiehdu X-Rays t’ommu izda t-tobba ma rawx htiega u cahdulu t-talba. Il-Qorti tkompli tistaqsi ghaliex din id-drammaticita` kollha.

In vista ta’ dan, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk issib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

Wara li rat l-artikoli 338 (dd), 339 (1) (d), 221 u 325 (c) tal-Kap 9;

Tikkundannahom ghall-hlas ta’ multa ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) komplessiva kull wiehed u wahda minnhom;

Tobbligahom ma jimmolestawx u/jew ma jdejjqux lil Joseph, Carmen u Alan Buttigieg ta’ 52A, Triq Gorf,

Xaghra, Ghawdex fuq penali ta’ mitt lira Maltin (Lm100) multa fin-nuqqas ghal zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap 9.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur